# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 16**

**Rikors numru 59/21/1**

**Visa Investments Limited (C-10229)**

**v.**

**Blye Engineering Company Limited (C-8256)**

Preliminari:

1. **Dan huwa rikors għas-sospenzjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Novembru, 2020, sakemm jiġi deċiż ir-rikors għar-ritrattazzjoni.**

2. Fit-13 ta' Settembru, 2000, is-soċjeta` attriċi **fetħet kawża**

(1859/2000) kontra s-soċjeta` konvenuta abbażi ta' skrittura tal-14 ta' Settembru, 1995, li fiha s-soċjeta` konvenuta kienet obbligat ruħha li tissupplixxi u tinstalla sistema ta' arja kondizzjonata fil-kumpless kummerċjali "*De Tigne Shopping Complex*". Is-soċjeta` attriċi talbet lill-Qorti sabiex:

> *"1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjetà konvenuta naqset li tezegwixxi l-obbligi kontrattwali minnha assunti bl-iskrittura ta' l-14 ta' Settembru, 1995;*
>
> *2. Tiddikjara lis-socjetà konvenuta hi responsabbli ghad-danni kollha, inkluz telf ta' profitti mis-socjetà attrici;*
>
> *3. Tillikwida, okkorendo permezz ta' periti nominandi, id-danni hekk minnha sofferti;*
>
> *4. Tikkundana lis-socjetà konvenuta thallas lil dik attrici d-danni hekk likwidati;*
>
> *5. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess citazzjoni promotrici"*

3. Fis-7 ta' Novembru, 2000, is-soċjeta` konvenuta mhux biss ippreżentat in-nota tal-eċċezzjonijiet tagħha, iżda ntavolat ukoll **kontro-talba** kontra s-soċjeta` attriċi, fejn talbet lill-Qorti sabiex:

> *"1. Tikkundannha thallas is-somma ta' elf tlett mija erbgha u tletin Lira Maltin u erbgha u tletin centezmu, (LM1,334.34), lis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti ghall-prezz t'oggetti u xogholijiet ta' tiswija;*
>
> *2. Tiddikjara lill-istess socjetà attrici rikonvenzjonata risponsabbli ghall-hlas tal-massimu tal-penali kontemplata fil-ligi;*
>
> *3. Tiddikjara lill-istess socjetà attrici rikonvenzjonata risponsabbli wkoll ghad-danni kagunati minnha talli harget il-mandati kawtelatorji ta' sekwestru, (3242/00), u t'inibizzjoni (3243/00), fl-ammont ezagerat t'erbghin elf Lira Maltin, (LM40,000.00), u dan, in male fede u bl-akbar mod abbusiv, frivoli u vessatorju;*
>
> *4. Tillikwida, jekk hemm bzonn, bl-opra ta' periti nominandi, id-danni u l-penali dovuti lis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti;*

*5. Tikkundanna lis-socjetà attrici rikonvenzjonata thallas lis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti s-somma hekk likwidata in linea ta' danni u penali;*

*6. Bl-imghaxijiet u bl-ispejjes kif dedotti fl-istess talbiet rikonvenzjonanti kontra l-istess socjetà attrici rikonvenzjonata;"*

4. **Fis-17 ta' Novembru, 2011, il-kawża ġiet ikkanċellata**. Il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Novembru, 2011, jaqra hekk:

*"Meta ssejhet il-kawza ma deher hadd.*

*Il-Qorti rat il-verbal taghha tal-11 t'Ottubru 2011, ikkonstatat illi jidher li ilu ma jsir progress f'din il-kawza mit-12 ta' Frar 2008. Illi perjodu ta' tlett (3) snin skorruti huwa abbundantement sufficjenti li wiehed jikkonkludi li l-partijiet m'ghandhomx interess f'din il-kawza.*

*Ghaldaqstant tordna li din il-kawza tigi kancellata."*

5. Wara l-kanċellament tal-kawża kien hemm is-segwenti rikorsi u digrieti li l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fil-parti preliminari tas-sentenza tagħha, tirreferi għalihom hekk:

*"11. Rat ir-rikors tas-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti datat it-2 ta' Dicembru, 2011, li permezz tieghu talbet li l-kawza tergà tigi riappuntata skont il-ligi, (ara foll 88);*

*12. Rat id-digriet taghha is-6 ta' Dicembru, 2011, li permezz tieghu irriappuntat il-kawza ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 89);*

*13. Rat id-digriet taghha datat il-21 ta' Marzu, 2012, wara li semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-kontendenti u li permezz tieghu, wara l-informazzjoni lilha hemm moghtija, awtorizzat lill-perit tekniku nominat biex jirrelata limitatament fuq il-kontro-talba sottomessa mis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti, (ara foll 100);*

*14. Rat id-digriet taghha datat it-8 ta' Gunju, 2012, li permezz tieghu, wara rikors appozitu fir-rigward, irrevokat contrario imperio id-digriet precedenti taghha indikat fil-paragrafu precedenti, (ara foll 102);*

*15. Rat id-digriet sussegwenti taghha fir-rigward, datat il-25 ta' Lulju,*

*2012, li permezz tieghu cahdet it-talba tas-socjetà konvenuta rikonvenzjonati datata t-12 ta' Gunju, 2012, (ara foll 120);*

*16. Rat id-digriet ulterjuri taghha fir-rigward datat it-18 t'Ottubru, 2012, fejn wara li semghet lill-abbli rapprezentanti legali tas-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti irrevokat id-digriet precedenti taghha datat il-25 ta' Lulju, 2012, u ordnat il-kontinwazzjoni tal-kawza, limitatament ghall-kontro-talba sollevata mis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti, (ara foll 121);"*

6. Fid-9 ta' Ottubru, 2014, **il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat sentenza fir-rigward tal-kontro-talba**. Il-parti deċiżiva taqra hekk:

*"Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li s-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti ippruvat il-kontro-talbiet kollha minnha sollevati u konsegwentement:*

*1. Takkolji t-talbiet kollha tas-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti;*

*2. Tirrespingi r-risposti kollha tas-socjetà attrici rikonvenzjonata;*

*3. Tirrespingi ghalhekk l-eccezzjonijiet kollha preliminarji rigwardanti is-segwenti vertenzi fuq gia` esposti:*

*1. Id-Dikjarazzjoni Guramentata (ara paragrafu numru disgha u ghoxrin, (29), aktar qabel);*

*2. Il-Preskrizzjoni, (ara paragrafu numru tletin, (30), aktar qabel);*

*3. Il-Kwistjoni Proceduralі dwar liema azzjoni hi permissibbli, (ara paragrafu numru wiehed u tletin (31), aktar qabel);*

*4. L-Irritabilità u l-Annullabilità ai termini tal-artiklu 396 tal-Kap 12, (ara paragrafu numru tnejn u tletin, (32), aktar qabel);*

*5. Il-Hrug ta' mandat hames (5) snin wara dak originali, (ara paragrafu numru tlieta u tletin, (33), aktar qabel);*

*4. Illi ghal dak li jirrigwarda l-meritu kontenut fil-kontro-talbiet tas-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti jigi stabbilit sintetikament is-segwenti:*

*"1. Illi ai fini tal-penali rikjesta mis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti mis-socjetà attrici rikonvenzjonata ai termini tal-artiklu 836 (8) (a) tal-Kap 12, stante li debitament ippruvata, (ara paragrafu numru hamsa u tletin (35) aktar qabel, tikkundanna lis-socjetà attrici*

*rikonvenzjonata Visa Investments Limited biex thallas lis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti, Blye Engineering Company Limited l-penali ta' elfejn Ewro, (€2,000.00);"*

*5. Illi ghal dak li jirrgwardja d-danni kif rikjamati mill-imsemmija socjetà konvenuta rikonvenzjonanti li bl-ebda mod ma jirrizultaw mill-atti li gew kontradetti mis-socjetà attrici rikonvenzjonata, tilqà it-talba tal-istess socjetà konvenuta rikonvenzjonanti kif minnha esposta, (ara paragrafu numru sitta u tletin, (36), aktar qabel u foll 394), u konsegwentement tikkundanna wkoll lis-socjetà attrici rikonvenzjonata Visa Investments Limited biex thallas lis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti Blye Engineering Company Limited is-somma komplessiva ta' mija u hamsin elf tlett mija u erbgha u erbghin Ewro u sebgha u tletin centezmu, (€150,344.37), kif fuq elenkat;*

*6. Tikkundanna wkoll lill-istess socjetà attrici rikonvenzjonata Visa Investments Limited biex thallas ukoll l-imghaxijiet kollha involuti fuq l-ammonti fuq indikati mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni promotrici, (it-13 ta' Settembru, 2000), sa l-effettiv pagament;*

*7. Bl-ispejjes kif dedotti fl-istess kontro-talba tas-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti kontra l-istess socjetà attrici rikonvenzjonata Visa Investments Limited, (ara Dok SM2)".*

7. Is-soċjeta\` attriċi ħassitha aggravata kemm mis-sentenza tad-9 ta' Ottubru, 2014, u kif ukoll mid-digrieti tas-6 ta' Diċembru, 2011, u tat-18 ta' Ottubru, 2012. Għalhekk fit-28 ta' Ottubru, 2014, **is-soċjeta\` attriċi interponiet appell.**

8. Is-soċjeta\` konvenuta da parti tagħha ressqet **appell inċidentali.**

9. **Fit-23 ta' Novembru, 2020, ingħatat sentenza minn din il-Qorti tal-Appell.** Qabel ma għaddiet biex tqis l-aggravji tas-soċjeta\` attriċi din il-Qorti tal-Appell dehrilha li kien meħtieġ li tqis il-**kwistjoni proċedurali** ewlenija tal-effetti tad-digriet tas-6 ta' Diċembru, 2011. Spjegat li għalkemm ħadd mill-partijiet ma qajjem tali kwistjoni, ma setgħetx ma

tqishiex għaliex kienet waħda proċedurali ta' ordni pubbliku. **Bażikament qieset li r-rikors tas-soċjeta` konvenuta tat-2 ta' Diċembru, 2011, li permezz tiegħu talbet li l-kawża terġa tiġi appuntata skont il-liġi wara li ġiet ikkanċellata fis-17 ta' Novembru, 2011, sar *fuori termine*.**

10. Spjegat li għalkemm fl-2007 il-Parlament kien għadda l-Att VIII li permezz tiegħu ġie emendat l-Artikolu 199(3) tal-Kap 12 - fejn it-terminu biex wieħed jitlob li kawża tiġi riappuntata wara li tkun ġiet imħassra żdied minn għaxart ijiem għal tliet xhur – tali emenda daħlet fis-seħħ b'effett mill-5 ta' Marzu, 2018, permezz tal-Avviż Legali 69 tal-2018.

11. Kompliet tgħid li minn dan kollu jirriżulta mhux biss li meta s-soċjeta` konvenuta ppreżentat ir-rikors għar-riappuntament tal-kawża fit-2 ta' Diċembru, 2011, dan sar tardivament, iżda wkoll li d-digriet tal-ewwel Qorti tas-6 ta' Diċembru, 2011, ma jiswiex u ma seta' qatt jagħti effikaċja lill-att li minnu nnifsu ma jiswiex. Irriteniet li:

> *"kulma sar wara t-28 ta' Novembru 2011*[1] *ma kienx jiswa. Il-Qorti ma jifdlilha l-ebda għażla ħlief li tħassar kulma sar minn dik id-data 'l quddiem".*

u ordnat li kull parti kellha terfa l-ispejjeż tagħha fiż-żewġ istanzi.

12. Fit-23 ta' Frar, 2021, is-soċjeta` appellata rikonvenzjonanti **Blye**

[1] Għaxart ijiem wara s-17 ta' Novembru 2011, meta l-kawża tħassret

**Engineering Co. Ltd ippreżentat rikors fejn talbet li l-kawża tiġi ritrattata** wara li tiġi mħassra s-sentenza tat-23 ta' Novembru, 2021.

13. Fl-istess jum hija ppreżentat ir-**rikors odjern fejn talbet is-sospenzjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-23 ta' Novembru, 2021.** Hija qalet hekk:

> *"Illi jkun fl-aħjar interess tal-ġustizzja illi titwaqqaf l-eżekuzzjoni tal-imsemmija sentenza sakemm jiġi deċiż l-eżitu tar-rikors illi ġie intavolat mir-rikorrenti.*
>
> *Illi peress illi fil-każ odjern is-sentenza appellata ikkanċellat is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti u ma kkanonizzat ebda kreditu favur soċjeta` jew oħra, is-soċjeta` esponenti umilment tissottometti li f' dawn iċ-ċirkostanzi ma hemmx biża li hemm xi forma ta' abbuż minn dawn il-proċeduri bil-ħsieb bil-ħsieb li jiġi frustrat it-twettiq ta' titolu eżekuttiv u għalhekk ma jeżistix il-ħtieġa li tingħata garanzija għall-eżekuzzjoni tas-sentenza jekk din ma tiġix imħassra. Madanakollu, is-soċjeta` esponenti qegħda minn issa tiddikjara illi jekk din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li hemm ħtieġa ta' garanzija hija ser taderixxi mal-Ordni tal-Qorti minnufih.*
>
> *Għaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha twaqqaf l-eżekuzzjoni tal-imsemmija sentenza sakemm jiġi deċiż l-eżitu tar-rikors għar-ritrattazzjoni u dan taħt dawk il-provvedimenti illi din l-istess Qorti jidhrilha xierqa u opportuni."*

14. Fil-5 ta' Mejju, 2021, is-soċjeta` appellanti rikonvenzjonata **Visa Investments Ltd ippreżentat ir-risposta relattiva tagħha.** Hija wieġbet hekk:

> *"1. It-talba għar-ritrattazzjoni ma twaqqafx l-eżekuzzjoni tas-sentenza finali u definittiva li qed tiġi attakkata.*
>
> *2. L-Artikolu 823 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti setgħa diskrezzjonali lill-Qorti fuq talba ad hoc li ssirilha minn parti interessata, li tikkonċedi t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza. L-insenjament tal-Qrati dejjem kien li din il-*

*konċessjoni għandha titqies bħala eċċezzjoni għar-regola. Kwindi l-applikazzjoni o meno tal-miżura tat-twaqqif ta' sentenza finali u definittiva jinħtieġ li ssir b'kawtela kbira.*

*3. Is-soċjeta` appellata rikonvenzjonanti tissottometti, fir-rikors tagħha kontenenti talba għat-twaqqif tal-esekuzzjolni tas-sentenza, li s-sentenza attakkata ma tippreżenta ebda preġudizzju għal xi parti fil-kawża deċiża permezz ta' dik is-sentenza, tant li l-istess soċjeta` intimata appellata rikonvenzjonanti tistqarr li ma teżistix il-ħtieġa li tiġi provduta l-garanzija għall-esekuzzjoni tas-sentenza.*

*4. Fl-umli opinjoni tas-soċjeta` appellanti rikonvenzjonata esponenti ma jirrikorrux prima facie raġunijiet speċjali li juru u jindikaw li t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza sejra tkun ta' preġudizzju lis-soċjeta` intimata appellata rikonvenzjonanti tant li timmerita l-akkoljiment tat-talba għat-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza.*

*5. Mingħajr preġudizzju għal dak suespost u b 'mod subordinat għalih, f' każ li dina l-Onorabbli Qorti takkolji t-talba tas-soċjeta` intimata appellata rikonvenzjonanti, ikun ġust u xideraq li dina l-Onorabbli Qorti tordna lill-imsemmija soċjeta` intimata appellata rikonvenzjonanti sabiex tipprovdi garanzija, konsiderati d-drittijiet tas-soċjeta` appellanti rikonvenzjonata esponenti gia akkwiżiti bis-sentenza ritrattata u l-fatt li talba konsimili għat-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza hija deroga għar-regola stabbilita fis-subinċiż (1) għall-Artikolu 823 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li tafferma it-talba għar-ritrattazzjoni ma twaqqafx l-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata.*

*Għaldaqstant għar-raġunijet premessi s-soċjeta` appellanti rikonvenzjonata esponenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*(i) Tirrespinġi t-talba tas-soċjeta` intimata appellata rikonvenzjonanti għat-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza tat-23 ta' Novembru 2020 fl-ismijiet premessi bl-ispejjeż kontra s-soċjeta` intimata appellata rikonvenzjonanti; u*

*(ii) F'każ li dina l-istess Onorabbli Qorti tħoss li għandha takkolji t-talba tas-soċjeta` intimata appellata rikonvenzjonanti għat-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza fuq imsemmija, tordna lil din tal-aħħar sabiex tipprovdi tali garanzija u tiffissa dak l-ammont in linea ta' garanzija għat-termini tas-subinċiż (2)(a) tal-Artikolu 823 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta` intimata appellata rikonvenzjonanti."*

## **<u>KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:</u>**

15. Din il-Qorti hija pjuttost perplessa bir-rikors li ntavolat is-soċjeta`

konvenuta appellata rikonvenzjonanti għas-sospenzjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-23 ta' Novembru, 2020.

16. Permezz ta' tali sentenza ma ġie kanonizzat l-ebda kreditu favur parti jew oħra. Permezz ta' tali sentenza din il-Qorti tal-Appell mhux biss ħassret is-sentenza tal-ewwel Qorti tad-9 ta' Ottubru, 2014, iżda addirittura ddikjarat bħala li ma jiswiex dak kollu li sar mit-28 ta' Novembru, 2011, 'il quddiem. Għalhekk permezz ta' tali sentenza ġie li l-aħħar ħaġa li saret fl-atti u li għadha tiswa kienet proprju d-digriet tal-kanċellament tal-kawża, mogħti waqt fis-seduta tas-17 ta' Novembru, 2011.

17. Ifisser allura li ma hemm xejn fis-sentenza tat-23 ta' Novembru, 2020, x' jista' jiġi "esegwit".

18. Konsegwentement din il-Qorti qiegħda tiċħad r-rikors għas-sospenzjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija fit-23 ta' Novembru, 2020.

19. Spejjeż riservati għall-ġudizzju finali.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da